

Brussell, 10 ta' Jannar 2024
(OR. en)

5182/24

SOC 14
EMPL 11
SAN 13

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol Fatra tas-Sur Ferenc NÉDÓ, membru supplenti għall-Ungerija, minflok is-Sur Gyula MADARÁSZ, li rriżenja

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Gyula MADARÁSZ bħala membru supplenti tal-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għall-Ungerija).
2. Skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol¹, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill.

¹ ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern tal-Ungerija nnomina lill-kandidat li ġej biex jissostitwixxi lill-membru supplenti li rriżenja għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28 ta' Frar 2025:

Is-Sur Ferenc NÉDÓ
Uffiċjal għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol
Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill:

- (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, u
- (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
ta'
li tissostitwixxi membru supplenti
tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003¹ li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Frar 2022², il-Kunsill ħatar lill-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2022 sat-28 ta' Frar 2025.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Gyula MADARÁSZ, sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet.
- (3) Il-gvern tal-Ungerija nnomina kandidat għall-post vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

² ĠU C 92, 25.2.2022, p. 1.

Artikolu 1

Is-Sur Ferenc NÉDÓ huwa maħtur membru supplenti fil-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sur Gyula MADARÁSZ, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28 ta' Frar 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President
